II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 41/2010

tat-18 ta' Jannar 2010

li jikkoreġi l-verżjonijiet bil-Franċiż, bil-Latvjan u bil-Pollakk tar-Regolament (KE) Nru 546/2003 dwar ċerti notifiki li jirrigwardjaw l-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75, (KEE) Nru 2777/75 u (KEE) Nru 2783/75 fis-setturi tal-bajd u l-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 192, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2783/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq is-sistema komuni għall-kummerċ fl-ovalbumin u l-lactalbumin [2], u partikolarment l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (KE) Nru 504/2009 [3] li jemenda r-Regolament (KE) Nru 546/2003 [4]. Fil-verżjonijiet bil-Franċiż, bil-Latvjan u bil-Pollakk ta' dan ir-Regolament, it-terminu "barn" ġie tradott ħażin u għalhekk jeħtieġ li ssir korrezzjoni tal-verżjonijiet f'dawn it-tliet lingwi. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 546/2003 kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 504/2009 għandhu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-regolament ta' rettifika jikkonċerna biss il-verżjonijiet bil-Franċiż, bil-Latvjan u bil-Pollakk.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Jannar 2010.

Għall-Kummissjoni
José Manuel BARROSO
Il-President

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 282, 1.11.1975, p. 104.
[3] ĠU L 151, 16.6.2009, p. 22.
[4] ĠU L 81, 28.3.2003, p. 12.